# IT-TIELET PARTI — QORTI TAL-KUMMERĊ

---

24 ta' Jannar, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmela Muscat *versus* Maria Cilia

**Kummerċjant — Mara — Art. 12 tal-Kap. 17.**

*Kwalunkwe konvenzjoni ta' mara miżżewġa magħmula bla kunsens jew intervent tar-raġel, jew bla kunsens tiegħu bil-miktub (meta hija ma tkunx legalment separata minnu wkoll għall-amministrazzjoni ta' kwejjiġha, jew ma tkunx ġiet awtorizzata mill-Qorti kompetenti), hija nulla, ħlief (1) meta l-konvenzjoni tkun saret għall-finijiet tan-negozju tagħha, jekk hija tkun teżerċita l-kummerċ bil-kunsens tar-raġel, u (2) jekk il-konvenzjoni tkun saret għall-bżonnijiet domestiċi, ordinarji u ġornaljeri.*

*Ma' dawn iż-żewġ każi l-ġurisprudenza żiedet każ ieħor, jiġifieri dak ta' meta, għalkemm ma jkunx il-każ ta' bżonnijiet domestiċi, ordinarji u ġornaljeri, eppure jkun każ fejn ir-raġel ikun fada f'idejn martu l-amministrazzjoni domestika, u għalhekk jitqies li jkun mandanti taċitu tagħha dwar obligazzjonijiet oħra, meta t-terzi jkunu ikkuntrattaw in bwona fede.*

*Il-kunsens tar-raġel sabiex martu teżerċita l-merkatura jista' jkun espress jew taċitu; u jitqies preżunt meta l-eżerċizzju tal-kummerċ ikun pubbliku u notorju, jekk ir-raġel ma jkunx għamel dikjarazzjoni kuntrarja bil-mod kif trid il-liġi.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi talbet li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvediment kollha meħtieġa, il-konvenuta tkun kundannata tħallasha s-somma komplessiva ta' £71. 5. 0, in kwantu għal £60 bilanċ ta' self lilha magħmul f'diversi drabi "brevi manu", u in kwantu għal £11. 5. 0 bilanċ ta' prezz ta' oġġetti tad-deheb lilha mibjugħin u kunsinnati, skond kif jidher mill-prospett (dok. A). Bl-ingħax kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' qbid tad-29 ta' Lulju 1949, kontra l-konvenuta, interpellata għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha din eċċepiet illi l-azzjoni, kif diretta kontra l-konvenuta Maria

Cilja, hija impustata ħażin; għaliex din ma hix publika merkantessa fis-sens li trid il-liġi; subordinatament, l-azzjoni hi intempestiva, għaliex kien hemm il-ftehim ta' pagamenti rateali; u l-eċċipjenti ma għandhiex tagħti l-ammont ta' flus imsemmi għas-self "brevi manu";

Kif ġie spjegat fid-dibattitu orali, l-eċċezzjoni mhijiex dik proċedurali illi l-konvenuta ma setgħetx tiġi mħarrka bla għajnuna ta' żewġha, għaliex ma hix publika merkantessa — eċċezzjoni, del resto, li tmiss lir-raġel tagħha biss, salv il-prinċipju stabbilit fil-kawża Appell "Mugliett vs. Stellini", 16 ta' April 1913, li ma japplikax f'dan il-każ; imma l-eċċezzjoni hija fis-sens ta' nullità ta' obligazzjoni kontrattata minn mara miżżewġa bla kunsens tar-raġel;

Skond il-liġi, kwalunkwe konvenzjoni ta' mara miżżewġa, magħmula bla kunsens jew intervent tar-raġel, jew bla l-kunsens tiegħu bil-miktub, meta hija ma tkunx legalment separata minnu wkoll għall-amministrazzjoni ta' ħwejjiġha, jew ma tkunx ġiet awtorizzata mill-Qorti kompetenti, hija nulla, ħlief meta (1) il-konvenzjoni tkun saret għall-finijiet tan-negozju tagħha, jekk hi tkun teżerċita l-merkatura bil-kunsens tar-raġel; (2) jekk il-konvenzjoni tkun saret għall-bżonnijiet domestiċi, ordinarji u ġjornaljeri; f'dan il-każ il-mara titqies li qiegħda taġixxi bil-kunsens u bħala mandatarja ta' żewġha;

Il-ġurisprudenza, in bażi għal dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, żiedet it-tielet każ, ta' meta, għalkemm ma jkunx il-każ ta' bżonnijiet domestiċi ordinarji u ġjornaljeri, eppure jkun każ fejn ir-raġel ikun fada f'idejn martu l-amministrazzjoni domestika, u għalhekk jitqies li jkun mandant taċitu tagħha anki dwar obligazzjonijiet oħra, meta t-terz ikun ikkuntratta in bwona fede (App. "Bonnici vs. Tabone", 4 ta' Diċembru 1925);

Illi fil-kawża preżenti, it-tieni u t-tielet każ ma jirrikorrux, għaliex l-obligazzjoni ma kienetx in konnessjoni ma' bżonnijiet ordinarji u ġjornaljeri, u żewġ il-konvenuta kien jipprovdi lil martu regolarment bil-mezzi għall-familja. Lanqas ma jidher bl-ebda mod li hu kien fdalha l-amministrazzjoni domestika fis-sens tas-sentenza ċitata. L-attriċi ma ppretendietx li l-każ kien xi wieħed minn dawn it-tnejn, im-

ma li kien il-każ ta' l-ewwel, u ċjoè li l-konvenuta hija pubblika merkantessa;

Skond il-liġi, il-kunsens tar-raġel sabiex martu teżerċita l-merkatura jista' jkun espress jew taċitu, u jitqies preżunt meta l-eżerċizzju tal-kummerċ hu pubbliku u notorju, jekk ir-raġel ma jkunx għamel dikjarazzjoni kuntrarja fil-mod li trid il-liġi (art. 12 Kap. 17 Edizzjoni Riveduta);

Mill-massa preponderanti tal-provi jidher li żewġ il-konvenuta mhux talli qatt ma ta l-kunsens tiegħu, imma dejjem oppona ruħu strenwament, sa anki bi vjolenza fiżika fuq il-mara tiegħu, għal li hija tinnegozja;

Lanqas jista' jingħad li dana kien il-każ ta' eżerċizzju ta' negozju pubbliku u notorju. Il-konvenuta, bil-moħbi ta' żewġha, u bil-kawteli kollha sabiex huwa ma jkunx jaf, kif juru l-provi, kienet tipprokura lil xi nies xi self fuq oġġetti li hija kienet tieħu minn għandhom biex tagħtihom bħala rahan lill-mutwant. Meta żewġha kien, aċċidentalment, jiskopri xi ħaġa, huwa kien jopponi ruħu, u sa anki jirrestitwixxi r-rahan. Il-kummerċ tal-konvenuta kien għal kollox klandestin, mhux notorju, u għalhekk ma hemmx il-kunsens preżunt tar-raġel;

Għalhekk il-konvenuta ma tistax titqies neguzjanta fissens tal-liġi; konsegwentement l-obligazzjoni tagħha hija nulla;

L-attriċi, għalhekk, ma tistax taġixxi in bażi għall-obligazzjoni nullament kuntrattata, salv, jekk hu l-każ, li hija taġixxi in bażi għall-effetti tar-rexissjoni (App. "Somerville vs. Medati", 17. 10. 81, Vol. IX, p. 529, Kollez.);

Ma hux il-każ ta' temperament fl-ispejjeż, għaliex l-attriċi ma wriet l-ebda ċirkustanza li setgħet tilleġittimaha li taħseb li l-konvenuta kienet qiegħda teżerċita l-merkatura bil-kunsens ta' żewġha; anzi x-xhieda tagħha, fol. 30 ta' l-inkartament, turi xort'oħra;

Għalhekk;

Tiddeċidi billi tirrespinġi d-domanda, bl-ispejjeż kontra l-attriċi; salvi drittijiet oħra ta' dina, "si et quatenus".